MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 790/2005

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**vs**

**Darren Paul Degabriele u Eligio Zerafa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' April, 2005 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u disgha u sebghin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm779.33) prezz ta' kompressur tat-tip Dorin APKV54 "open type", skond il-fattura numru 37646 tat-3 ta' Settembru, 2004 (Dok.A), dovuta "in solidum" mill-konvenuti (ara cekk tal-HSBC Dok.B, illegalment "countermanded minnhom). Ghalkemm interpellati biex ihallsu bl-ittra tal-1 t'Ottubru, 2004 (Dok.C) il-konvenuti baqghu inadempjenti. Intalab ukoll l-imghax kummercjali mit-3 ta' Settembru, 2004.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Mejju, 2005, li biha gie cedut is-sorte, pero` nzamm ferm il-kap tal-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lill-konvenuti "in solidum" ihallsu l-imghaxijiet fuq is-somma mitluba u dana mit-3 ta'Settembru, 2004 u l-ispejjez tal-prezenti proceduri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------